Kunsill Lokali
Għajnsielem

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 21- L-Erbgħa 24 ta' Frar 2021**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċju tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 24 ta' Frar 2021 fl-16:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużata: | Loredana Agius | Ambaxxattriċi |

**21.1 Talba**

21.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

**21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

21.2.1 Inqraw il-minuti u ġew approvati

**21.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

21.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**21.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

21.4.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li nżammet illum bejn uffiċjali tal-ERA fix--Xatt l-Aħmar flimkien mal-Perit Godwin Sultana, s-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber u d-Direttur tal-Eko Għawdex rigward l-applikazzjoni tax-*shifting* tal-boulders li waqgħu bil-maltemp. Is-Sindku spjega kif jidher li aċċettaw il-*method statement* tagħna, billi jitkisser il-blat u jitressaq għal ġenb

u jsir platform fuqu. Eco Għawdex qabel li jħallas ix-xogħolijiet meħtiega. Is-Sindku rringrazzja lill-kunsillier Larry Buttigieg li stinka sabiex tiġi kkoordinata din is-*site visit*.

21.4.2 Is-Sindku rrefera għal fatt li rigward is-*swimming zone* għandna nerġgħu nikkuntattjaw lil Transport Malta f'nofs Marzu u nitolbu stima biex issir spejjes tagħna.

21.4.3 Is-Sindku fakkar li għandna wkoll l-approvazzjoni għall-Boat mooring platform fix-Xatt l-Aħmar mill-ERA u din ser titwaħħal fuq il-post qabel is-sajf li ġej.

21.4.4 Is-Sindku għamel referenza għal-aħħar laqgħa li kellhom bhala Reġjun Għawdex fejn ġie kkonfermat li r-Reġjun jinsab f'pożizzjoni finanzjarja tajba u ser iniedi skemi li minnhom kull Kunsill jista jibbenifika minn €10,000 fi skema ta' attivitajiet kulturali , €12,000 fi'proġett ambjentali u ser jiġi mħallas l-istudju ta' Slowstreets li jammonta għal-€3200.

21.4.5 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu mal-Perit Salvu Micallef rigward il-librerija. Huwa spjega kif minħabba li l-Berġa hija msaqqfa bil-falakki tal-injam, jinħtieg li ngħollu s-sular ta' fuq u jiġi livell mas-sala tal-Kunsill. Sar qbil li għandna napplikaw għalih.

21.4.6 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa ferm pożittiva li nżammet mas-Supretendent il-ġdid Joseph Hersey. Waqt din il-laqgħa ġew diskussi numru ta' problemi fil-lokalita' fosthom speeding, parkeġġ illegali, karozzi mingħajr liċenzja, vandaliżmu u l-ħtiega tal-Community policing. Is-Sindku spjega kif din hija l-ewwel laqgħa minn serje ta' laqgħat li ser jinżammu regolarment kull xahar. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment tas-Sindku, li għandna nitolbu sabiex għal-laqgħa li jmiss għandu jiltaqa' mal-Kunsill kollu.

21.4.7 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa online li ser tinżamm rigward il-masterplan tal-widien minn ParksMalta u ADI Periti. Huwa nnota li hemm nuqqas ta koordinazzjoni bejnhom u bejn il-Ministeru għal Għawdex. Ser issir laqgħa oħra fuq l-istess suġġett f'Marzu 2021.

21.4.8 Is-Sindku rrefera għall- attivitajiet sportivi li ser jiġu organizzati fix-Xatt l-Ahmar. Jidher li diġa huma fully booked bħala reġistrazzjoni iżda jekk ikun hemm xi tfal minn Għajnsielem jixtiequ jipparteċipaw nistgħu ninkluduhom. Huwa rrefera wkoll għat-talba sabiex terġa ssir l-Urban DH race tal-BMX li kienet ser issir is-sena l-oħra f'Marzu. Sar qbil li għandna nimxu mal-prekawzjonijiet kollha meħtieġa konċernati mal-Covid 19 u li għandna nerġgħu nressqu t-talba lill-Ministeru għal Għawdex bħala sponsor ufficjali.

21.4.9 Is-Sindku rrefera għall-proposta mressqa mir-Regjun Għawdex sabiex nidentifikaw xi persuni li lesti li jieħdu sehem fil-kors tal-Bizzilla fil-Kroazja f'Settembru/Ottubru li gej. Il-Kunsill qabel li għandu juri l-interess permezz ta' ħames persuni.

21.4.10 Is-Sindku rrefera għall-Pjazza tad-Dehra u esprima s-sodisfazzjon li fl-aħħar jidher li kollox qed jopera kif suppost. Li għad fadal huwa li niċċekjaw u naraw kemm jiswa biex jissebbaħ it-turf peress li ħafna partijiet minnu nixfu. Huwa spjega kif l-irrigation inxtegħlet u qed taħdem iżda jidher li ma hemmx ilma minn nixxiegħa. Is-Sindku spjega kif fl-Universita' ta' Malta hemm unit li tagħmillek 3D survey taħt l-art. Huwa propona li għandna nikkuntatjawhom u nippruvaw naraw x' hemm u x'mhemmx peress li hija ftit inkwetanti kif fis-sajf insaqqu bla problemi u fix-xitwa qed jirriżulta nuqqas ta' ilma. Sar qbil li għandna niċċekjaw biex jekk hemm xi leakage nirranġawh.

21.4.11 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għal-laqgħa li kellu mal-perit tal-proġett ta' Triq Sant'Antnin rigward ilmenti dwar l-għoli tal-ħajt b'mod speċjali quddiem il-knisja. Huwa spjega kif il-Kunsill ma ġiex ikkonsultat u kie hemm potenzjal ta' belvedere iżda l-perit tal-proġett ikkonferma li minħabba safety dan ma kienx possibli. Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li huwa flimkien mas-Segretarja kellhom fuq il-post u bqajna li ser jitbaxxa kemm jista biex ukoll jinżamm mar-regolamenti mplikati.

21.4.12 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu mal-Avukat Joshua Grech rigward għalqa tal-każin tal-banda biex naraw nistgħux inżiduha maċ-Ċentru tal-Komunita'. Huwa mistenni jikkonferma mad-Dipartiment tal-Artijiet.

21.4.13 Is-Sindku għamel referenza għall-camera li twaħħlet f'Sant Eliju u ser ikollna nkabbru l-pannella peress li l-battery mhix isservi. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi b'din l-ordni mingħand l-l-Econetique għall-prezz ta' €1420.

21.4.14 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għal fatt li l-Kunsill ibbenifika mill-fondi tal-EkoGozo għall-outdoor gym equipment għall-Belvedere ta' Triq Hamri. Sar qbil li għandna niġbru stimi ta' equipment u idejalment li ma jsaddadx billi qrib il-kosta.

21.4.15 Is-Sindku propona li d-daħla tal-Kunsill nibdlu l-madum u nagħmluh porfido pariġġ id-dahla tal-iskola. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

21.4.16 Is-Sindku rrefera wkoll għall-garage li krejna u li hemm possibilta li s-sid ma jġeddidx il-kuntratt. Jidher li din ser tkun problema peress li hemm ħafna stock. Sar qbil li għandna niċċekjaw insibux post ieħor addattat.

21.4.17 Is-Sindku rrefera għall-ħtieġa ta' restawr ta' parti minn ħajt tas-sejjieħ fi Briegħen, billi qabel kien mibni bil-franka u wara enforcment mill-PA kellu jitneħħa. Dan jinsab eżattament f'nofs il-ħitan li qed jagħmel il-Kunsill u għalhekk ma jagħmilx sens li ma jinbeniex. Sar qbil li l-ewwel għandna ndaħħlu talba mal-Ministeru Għal Għawdex u naraw jaqduniex.

21.4.18 Saret referenza wkoll mis-Sindku rigward id-deċiżjoni li kien ħa l-Kunsill sabiex jixtri Container tal-20 pied sabiex jintuża bħala storage għat-trakka tal- BMX. Is-Sindku spjega kif l-orħos option li nstab jiswa €1500. Il-Kunsill qabel li la huwa tant meħtieg għandna nipproċedu bix-xiri tiegħu.

21.4.19 Is-Sindku rrefera għal-logħba tant popolari taċ-chess u propona li jitwaqqaf Club taċ-chess u jiġu organiżżati tournaments ġewwa u anke barra' inkluż fis-sajf waqt iljieli Sajfin. Sar qbil dwar dan.

21.4.20 Is-Sindku tkellem dwar problema li kien hemm dwar il-yellow line mal-kantuniera fi Triq Cordina ma' Triq Ċens l-Għarus, fejn sid tal-faċċata waqqaf lil ħaddiema milli jagħmlu xogħlhom. Sar qbil sabiex nitolbu lil Transport Malta sabiex jerġa jsir.

## 21.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

21.5.1 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għat-talba li kien għamel fil-laqgħa ta' qabel dwar safety barriers quddiem Rexy Restaurant. Is-Sindku wieġbu li qed nistennew eżattament fejn ser titwahhal u issir t-talba lil Transport Malta.

21.5.2 Il-Viċi Sindku talab ukoll sabiex issir barrier tal-ħadid ma' bankina fi Triq Simirat. Sar qbil li għandha ssir.

21.5.3 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera wkoll għall-ħtiega ta' ħadida ma' residenza ta' anzjana fi Triq Malta. Sar qbil li din għandha ssir.

21.5.4 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura talab sabiex issir mera fi Triq l-Imġarr faċċata ta' blokka appartamenti li qed tinbena. Sar qbil li għandna nressqu din it-talba lill-Transport Malta.

21.5.5 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura għamel referenza għall-attivita tal-Għid li qed jippreparaw u li ser tkun tikkonsisti f'għadd kbir ta' slaleb li ser jitpoggew fuq it-turġien taz-zuntier tal-knisja. Huwa semma' li l-Arċipriet aċċetta li ssir din l-attrazzjoni. Huwa spjega li l-kunċett wara din l-attrazzjoni hija li jiġu kkommemorati l-vittmi nazzjonali tal-Covid f'dawn il-mumenti tal-Għid u l-Passjoni. Il-Kunsill qabel li għandu jiffinanzja d-dawl konness ma' din l-attivita u li għandna nzommu l-budget madwar €500. Sar qbil li għandna nagħmlu proposta tal-attivita' u nibgħatuha lill-Ministeru għal Għawdex għall-għajnuna finanzjarja.

21.5.6 Il-Vici Sindku Franco Ciangura ressaq l-ilment li Triq il-Mogħdija ilha ħafna ma tinkines. Is-Sindku rrefera għad-diversi lmenti u li għandha tinħareġ l-offerta fil-gimgħat li ġejjin u għandna nibdlu l-iskedi u l-frekwenzi biex nassiguraw li l-lokal jintlahaq kollu u li tinzamm l-indafa.

21.5.7 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura talab sabiex fil-kuntratt il-ġdid tal-knis indaħħlu l-knis tal-Pjazza. Is-Sindku spjega li l-iskeda u termini għad jridu jiġu diskussi.

21.5.8 Il-Kunsillier Larry Buttigieg staqsa jekk kienx hemm żviluppi fil-komunikazzjoni mal-Kunsill ta' Loreto, l-Italja. Is-Sindku wieġeb li avvicinawna u li talbuna xi nformazzjoni dwar il-lokalita' ta' Għajnsielem biex jagħmlu preżentazzjoni lil kunsilliera tagħhom biex jintroduċu l-lokalita' ta' Għajnsielem. Mistennija mbagħad jagħmlu kuntatt magħna huma.

21.5.9 Il-Kunsillier Stephen Mercieca rrefera għall-kunċett li gie diskuss fl-aħħar laqgħa dak tas-Slow Streets u propona jekk il-parking bays nistgħux nisbħuhom kulur ieħor biex jagħtu identita' lill-lokalita ta' għajnsielem. Il-Kunsill qabel li din il-proposta għandu jinkludiha mal-pjan ħolistiku ta' Slow Streets. Sar qbil ukoll li għandna nerggħu nagħmlu kuntatt ma' Tolfa dwar il-possibilita' li aħna nidħlu f'Cittaslow.

21.5.10 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex isiru refreshing tar-road markings fi Triq il-Baħħara kantuniera ma' Triq Spedito Tabone.

21.5.11 Il-kunsillier Larry Buttigeg talab sabiex isir refreshing tal-isleeping police ta' Triq il-Mogħdija u Triq Xprunara u Triq Ġuzeppi Cauchi.

21.5.12 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għal fatt li kien hemm xi crane ta' Peter Paul Said qed jagħmel xi xogħol fi Triq Għajnsielem u żbruffat parti mit-triq u nkixfet bokka ta' shelter. Huwa spjega li s-sid tal-crane ser jirranġaha permezz ta' kaptelli tal-konkos.

21.5.13 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għal fatt li fi Triq il-Ġnien hemm double yellow lines quddiem residenza li qegħdin hemm bla użu. Meta spjega l-post eżatt il-Kunsill qabel miegħu u li għandna nitolbu lil Transport Malta sabiex dawn jitneħħew.

21.5.14 Il-kunsillier Teddy Saliba propona li Triq Wied ir-Rgħajjes issir One Way l-isfel biss. Il-Kunsill qabel li din hija prattika ħafna iżda wieħed irid jagħmel studju tajjeb li ma jkunx qed joħloq problema f'xi toroq fil-viċin. Sar qbil li din trid tkun parti minn Traffic Management Plan holistiku.

21.5.15 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-embellishment li għamilna fil-kantuniera ta' Triq Simirat għal Triq il-Qala u li qed ikollna ħafna lmenti għax is-siġar qed iħammġu ħafna. Huwa propona li għandna naraw kif naslu biex inġibu l-permess u niżbruhom. Il-Kunsill qabel li għandna naraw kif naslu.

21.5.16 Il-kunsillier Teddy Saliba propona li għandna nistħarġu u naraw kif nimplimentaw n-neighbourhood watch. Is-Sindku wieġbu li din hija idea tajba ħafna u li għandna niċċekjaw anke mal-pulizija dwar liema huma l-aħjar metodi li għandna nuzaw biex naddottawha.

21.5.17 Sar qbil li għandna nressqu t-talba sabiex il-berġa terga tibda tinfetaħ regolarment.

21.5.18 Il-Kunsill irringrazzja lil kunsillierTeddy Saliba talli qed jagħmel manuntezzjoni lil wheelchairs tal-Kunsill.

## 21.6 Korrispondenza

21.6.1 Ġiet trattata l-ittra mingħand Josef Scicluna tar-Redcoats fejn talab sabiex fl-assenza li ma jistgħux juzaw il-grawnds tal-iskola primarja, propona li juzaw bicca għalqa li tappartjeni lil għajnsielem FC wara l-grawnd u ohra li fiha hemm mibnija xi kmamar u stalel f'Ta' Passi. Il-Kunsill qabel li għandna noffrulhom li nilhqu agreement ma' Għajnsielem FC dwar uzu tal-grawnd peress li l-Kunsill għandu kuntratt għall-użu tal-Grawnd. Sar qbil ukoll li l-kmamar ma jistawx jaqaw peress li kien hemm xi agreeement bejn il-Kunsill u l-Club fuq l-użu tagħhom.

21.6.2 Ġiet trattata t-talba mingħand resident fi Triq Wied ir-Rgħajjes sabiex issir tip ta' kaxxa quddiem il-bieb ta' dan ir-resident azjan sabiex f'kas ta' bżonn jkun jista jinħareg mid-dar fil-liberta' minħabba il-wheelchair. Sar qbil li għandna ngħaddu l-każ lil Transport Malta.

21.6.3 Ġiet trattata t-talba biex titranġa l-aħħar biċċa' ta Triq Baħħara peress li hemm il-ħofor. Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lill-iżviluppaturi J Portelli Projects u naraw jekk għandhomx xi pjanijiet u filkaż ngħaddu t-talba lill-gvern ċentrali.

21.6.4 Ġiet trattata t-talba mingħand is-sid tal-lukanda li nbniet fil-Pjazza għal loading/unloading bay jew double yellow lines quddiemha biex ma jsirx parkeġġ. Sar qbil li għandna nressqu t-talba ta' double yellow lines quddiem Transport Malta.

21.6.5 Ġiet trattata t-talba mingħand is-sid tal-ħanut tal-Milied għal loading/unloading bay quddiem il-ħanut tiegħu fi Triq il-Ġnien. Din it-talba diġa ġiet diskussa f'xi laqgħa preċedenti u l-Kunsill għadu tal-istess pożizzjoni peress li dan huwa stabiliment staġjonali u f'din it-Triq rrifjutajtna kemm il-talba peress li hemm problema kbira ta' parkeġġ.

21.6.6 Ġiet trattata t-talba mingħand l-Arċipriet sabiex issir cat shelter wara l-knisja. Il-Kunsill qabel li għandu jpoggi waħda hemmhekk.

21.6.7 Il-Kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex isir cat sheleter fi Triq il-Qigħan. Il-Kunsill laqgħa din it-talba peress li għandu kemm il-talba għal dan is-sit u anke għal Triq l-Imrejżbiet.

21.6.8 Ġie trattat s-suġġeriment sabiex Triq Wied ir-Rajjes il-parti id-dejqa issir One Way. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta li hija tajba iżda trid tiġi kkunsidrata fuq pjan holistiku sabiex ma jinqalgħux problemi f'toroq oħra viċin.

21.6.9 Ġie trattat lment mingħand resident rigward għadd kbir ta' tjur f'għalqa privata fi Triq Cordina u li qed jagħmlu hafna storbju. Il-Kunsill qabel li la dawn jinstabu go għalqa privata ma jistax jintervjeni u li l-ilment għandu jgħaddih l-ilmentatur lill-pulizija.

21.6.10 Ġiet trattata talba sabiex terġa teħel bozza li kienet fil-kantuniera fi Triq il-Mrejżbiet. Sar qbil li għandna naraw fejn ser nerggħu nwaħħluha peress li issa l-binja li kienet imwaħħla magħha reggħet inbniet.

21.6.11 Ġiet trattata t-talba għal Disable parking bay fi Triq il-Qigħan. Sar qbil li għandna napplikaw.

## 21.7 Problema ta' parkeġġ Triq Imġarr

21.7.1 Għal din il-laqgħa attendew xi residenti minn Triq l-Imġarr biex niddiskutu l-problemi li qed jiffacjaw kaġunati minn nuqqas ta' parkeġġ u nfurzar fit-Triq tagħhom. Is-Sindku rrefera għad-diversi talbiet li ilu jressaq il-Kunsill għall-Speed cameras u anke plastic bollards sabiex itaffu l-problema kbira ta' speed eccessiv f'din it-triq iżda dawn
baqgħu ma ntlaqgħux. Huwa spjega li ressaqna t-talba għal pelican lights kemm il-darba iżda kellna risposta negattiva. Huwa spjega kif wara diversi laqgħat li kellu ma' Transport Malta wegħduna li ser jerġgħu jagħmlu survey aktar realistiku wara li tgħaddi l-Covid.

21.7.2 Ir-residenti minn naha tagħhom urew it-thassib u l-konċern tagħhom dwar l-ispeed eċċessiv u l-periklu li jkunu jinsabu fihom kemm huma kif ukoll il-vetturi tagħhom. Huma lmentaw għal fatt li l-bankini huma wisgħin ħafna u l-parking jinsab eżatt mal-vetturi u li jekk tiftaħ bieba ta' karozza tkun qed tipperikola ħajtek. Huma lmentaw għal fatt li fil-parti ta' quddiem l-Iispiżerija mhemmx fejn wieħed jipparkja u min qed jipparkja fuq il-bankina qed ilaqqtu ċ-ċitazzjonijiet.

21.7.3 Wara diskussjoni twila sar qbil li għandna nagħmlu talba lil Transport Malta sabiex issir spezzjoni fuq il-post u fejn hemm il-wisgħa għandu jiċkien d-daqs tal-bankini sakemm jibqa aċċess suffiċjenti għal wheel chair u pushchair. Dan jgħin sabiex jintrebaħ aktar parkeġġ u l-karozzi ta' dawn ir-residenti ma' jkunux qrib ħafna tat-triq fjn karozzi u trakkjiet jgħaddu b'veloċita eċċessiva.

21.7.4 Sar qbil ukoll li għandna nerggħu nitolbu għall-Pelican lights u nitolbu aktar prezenza tal-pulizija. għandna nirrapurtaw ukoll li qed isiru tlielaq tal-karozzi bejn id-9:00pm u nofsillejl.

## 21.8 Update dwar Proġetti

21.8.1 Rigward l-proġett tal-Irrigazzjoni ser titħaffer trinka żgħira b'kuntrattur u jitgħaddew il-pajpijiet meħtieġa. Sar qbil l x-xogħol għandu jigi ko-ordinat mingħajr dewmien biex ma jkunx hemm inkonvenjenza għal dawk li jagħmlu l-Via Sagra.

21.10.5 - **Belt jew Raħal Kulturali tas-Sena** - Is-Sindku għamel referenza wkoll għall-applikazzjoni mnedija mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għall-Belt jew Rahal Kulturali tas-Sena 2022. Il-Kunsill qabel li għandu japplika u jfassal pjan b'saħħtu ta' attivitijiet li jiddistingwu lill-għajnsielem minn lokalitajiet oħrajn.

## 21.11 Outdoor Gym fil-Belveder ta' Triq Hamri

21.11.1 Is-Sindku spjega kif konna ssottomettejna żewġ applikazzjonijiet; waħda għall-Belvedere ta' Sant'Eliju u oħra għall-Belvedere ta' Triq Hamri. Bi pjaċir ħabbar li minn dawn ġiet approvata dik tal-Belvedere ta' Triq Hamri u minnha l-Kunsill ser jibbenifika s-somma ta' €4760 eks VAT li tinkludi l-apparat u flooring. Il-Kunsill qabel li għandna mmedjatament niġbru stimi ta' apparat ta' outdoor gym biex inkunu nistgħu nordnaw l-apparat.

## 21.12 Approvazzjoni tal-Financial Statements

21.12.1 Waqt il-laqgħa saret *conference call* mal-Accountant tal-Kunsill fejn spjegat il-Financial Statements u l-Kunsill innota b'sodisfazzjon li għal darb'oħra spicca bi profit. Il-Financial Statements gew approvati unanimament.

## 21.13 Approvazzjoni tal-Budget Annwali

21.13.1 Ingħatat spjegazzjoni tal-Estimi Annwali tal-Kunsill għas-sena finanzjarja 2021. Il-Kunsill approvahom unanimament.

## 21.14 Approvazzjoni tal-Evaluation Report tat-Tender ta' Pjazza Tolfa

21.14.1 Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat kif għal din l-offerta daħlu żewġ offerti mingħand:-

- GM Development Ltd għall-prezz ta' €102,468.93 eks VATu mingħand
- Mark Attard għall-prezz ta' €92,853.36eks VAT .

21.14.2 Wara li ltaqa' l-Bord tal-evalwazzjoni li kien kompost mil-Perit Godwin Sultana, l-avukat Joshua Grech, is-Sur William Sultana, il-Kunsillier Larry Buttigieg u s-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber. Il-Bord evalwa l-offerti sottomessi u sab l-orħos offerta hija kompatibbli. Ir-rakkommandazzjoni tal-Bord kienet li tintagħzel l-orħos waħda dik ta' Mark Attard. Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord.

## 21.15 Approvazzjoni tal-Evaluation Report tat-Tender tal-Patching

21.15.1 Saret l-evalwazzjoni tal-offerta tal-Patching u l-Bord sab li l-aħħar item tal-Bill of Quantities kien over budget u kien għoli ħafna.

21.15.2 Sar qbil li għalhekk din l-offerta għandha tinħareġ mill-ġdid.

**21.16 Hrug ta' offerta ta' Għajnsielem Learning Garden**

21.16.1 Is-Sindku spjega kif għall-proġett tal-Playing Field tal-Gudja għadna qed nistennew il-Bill of Quantities biex eventwalment jiġi diskuss u jinħarġu l-offerti meħtieġa.

**21.17 Materji oħra**

21.17.1 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

**21.18 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

21.18.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti u ġiet approvata.

**21.19 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

21.19.1 Il-laqgħa intemmet fit-7:30pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 24 ta' Marzu 2021 fl-4:30pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**